MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 216/2002/1

**Avviz numru 216/02DM**

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Clementina Xuereb u l-istess Clementina Xuereb**

**Vs**

**Joanna Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' Lm3868.77 u lil Clementina Xuereb Lm100 danni li huma garbu insegwitu ghal incident stradali (Dokumenti A sa M) li sehh f'S. Pawl

il-Bahar fis-16 ta’ Novembru 2000 bejn Peugeot 205 Nru FBB 769 misjuqa minnha u car Opel Astra Nru VIC 107 tal-istanti Clementina Xuereb li kienet assikurata bi polza comprehensive mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, komprizi Lm23 ta’ konsult u ittra, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjenti izda gara unikament tort ta’ Victor Xuereb xufier tal-vettura Nru VIC 107;
2 Fi kwalunkwe kaz, bla pregudizzju ghall premess, il-quantum tad-danni pretiz mill-atturi huwa esagerat;
3 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat bejn il-vettura misjuqa minn Victor Xuereb u l-vettura misjuqa mill-konvenuta Joanna Cini liema kollizzjoni grat fix-Xemxija By Pass fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar.

Mill-provi jirrizulta u l-kontendenti jaqblu illi z-zewg vetturi kienu qedghin jinsaqu fl-istess direzzjoni b’dik misjuqa minn Victor Xuereb ftit iktar il-quddiem minn dik misjuqa mill-konvenuta u b’dik ta’ Xuereb fuq il-karreggjata tal-lemin u dik tal-konvenuta fuq il-karreggjata tax-xellug.

Evidentement kieku dawn l-istess vetturi baqghu jinsaqu fl-istess karreggjata, fl-istess direzzjoni u bl-istess mod, ma kienetx issehh il-kollizzjoni bejnithom izda ghal xi raguni sar kuntatt bejn dawn iz-zewg vetturi u ghal dan il-kuntatt il-kontendenti jaghtu spjegazzjonijiet kontradittorji.

Filwaqt illi Victor Xuereb jallega illi waqt li hu kien qed isuq fil-karreggjata tal-lemin gie milqut mill-vettura tal-konvenuta fuq il-genb ta’ wara tieghu, il-konvenuta ssostni li kien Victor Xuereb li waqt li kien qieghed isuq xi ftit ta’ distanza quddiemha, skiddja u invada l-karreggjata taghha u hija ma setghatx tevitah.

Iz-zewg sewwieqa involuti ma kellhomx passiggieri maghhom u ma kienx hemm persuni prezenti li setghu jaghtu l-verzjoni taghhom dwar dan l-incident.

Lanqas mir-rapport u mill-isketch maghmul mill-ufficjal li nvestiga l-kaz ma jirrizulta xi indizju jew xi cirkostanza ohra li tista’ ssahhah il-verzjoni ta’ sewwieq iktar mill-verzjoni ta’ l-iehor.

Infatti ma setghax jigi ikkonstatat li ‘spot of impact’ ghaliex id-debris kien mifrux ma ma tul it-triq u lanqas ma setghu jigu riskontrati xi sinjali ta tyres minhabba n-nida li kien hemm fit-triq dak il-hin tal-kollizzjoni.

Billi huma l-atturi illi qedghin jaghmlu t-talba taghhom u jallegaw illi l-kollizzjoni kienet dovuta ghal negligenza tal-konvenuta, jispetta lill-atturi li jipproducu dawk il-provi kollha li jistghu fuq bilanc ta’ probabilita’ jindikaw xi responsabbilta’ tal-konvenuta ghall-kollizzjoni.

Izda l-unika prova tal-atturi hija eskussivament id-deposizzjoni ta’ Victor Xuereb li lanqas ma jistqarr li ntalaqt minn wara izda jallega li l-iskontru kien iktar ge,bma gemb. Inoltre l-verzjoni tieghu hija kontradetta mid-deposizzjoni tal-konvenuta Joanna Cini.

Ghaldaqstant issib illi l-provi prodotti mill-attur mhumiex sufficjenti biex jistabbilixxu xi responsabbilta’ da parti tal-konvenuta u ghaldaqstant qedgha tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------